# DEĊIŻJONIJIET TAL-QRATI SUPERJURI TA' MALTA L-EWWEL PARTI QORTI KOSTITUZZJONALI

**14 ta' Jannar, 1993**

**Imħallfin: -**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. - President**
**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D.**
**Onor. Carmel A. Agius B.A. LL.D.**

Perit Joseph Mallia

*versus*

Onor. Segretarju Parlamentari *għall-Ambjent u d-Direttur ta' l-Artijiet*

**Kostituzzjoni - Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem - Proprjetà - Rimedju Aċċessibbli - Intempestività - *Sentenza* - *Nullità***

*Ir-rikorrent talab rimedju quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili billi kienu ġew leżi d-drittijiet fundamentali tiegħu għax ma kienx ingħata kumpens għall-proprjetà esproprjata. Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ċaħdet it-talba tar-rikorrent. Il-Qorti Kostituzzjonali rriformat billi lliberat lill-intimat mill-osservanza tal-ġudizzju.*

*Il-Qorti rriteniet li l-ammissjoni f'kopja informi tal-kliem Direttur ta' l-Art mill-okkju ma kienx jimporta n-nullità tas-sentenza u dawk il-kliem, billi l-kariga ma kinitx teżisti, kellhom jitqiesu li ma*

LAW COURTS - LIBRARY

*jimportawx li fil-kawża kien hemm iżjed minn intimat wieħed.*

*Fil-mertu l-Qorti rrilevat li min isofri esproprjazzjoni kellu l-ewwel jirrikorri għar-rimedji ordinarji, ikkontemplati fil-liġi qabel ma jallega ksur ta' drittijiet fundamentali. Billi r-rikorrent ma kienx għamel dan kien hemm lok li l-intimat jiġi lliberat mill-osservanza tal-ġudizzju.*

1. Fir-rikors tiegħu quddiem il-Qorti Ċivili Prim'Awla tat-12 ta' Novembru, 1991, l-attur espona illi fl-1 ta' April, 1975, ġiet ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern, Dikjarazzjoni numru 225 tal-President tar-Repubblika li qalet li l-biċċa art tiegħu f'Ta' Farsina *sive* tal-Ħammieri f'Ħal-Qormi, kienet meħtieġa għal skopijiet pubbliċi u li l-akkwist tagħha mill-Gvern kellu jsir b'xiri assolut. Id-data tal-Gazzetta ġiet korretta bix-xhieda tar-rikorrent għat-3 ta' Mejju, 1974 u n-numru tad-Dikjarazzjoni għal 325;

2. Il-Gvern attwalment, ħa l-art u bena fuqha, però għalkemm għadda dan iż-żmien kollu, ma ttiħdux il-passi legali neċessarji biex l-art tiġi akkwistata u biex jitħallas kumpens adegwat. Ittrasferixxa partijiet ta' l-art lil terzi;

Dan kollu, u ż-żmien esaġerat li għadda biex il-proċeduri ta' l-esproprjazzjoni jiġu konklużi "jikkostitwixxu abbuż" tad-dritt protett mill-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 1 ta' l-ewwel protokoll li hemm mal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem;

4. Għalhekk ir-rikorrent talab lill-Qorti li tagħti dawk l-ordnijiet u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq id-disposizzjonijiet indikati, fosthom li tiddikjara li l-aġir u l-ommissjonijiet ta' l-intimat jikkostitwixxu vjolazzjoni taż-żewġ

disposizzjonijiet u li tiffissa żmien qasir u perentorju li fih l-intimati għandhom jagħmlu l-proċeduri kollha previsti mill-Kap. 88 tal-Liġijiet; u fin-nuqqas, tipproċedi biex tiffissa hi l-kumpens xieraq dovut lill-esponenti u tikkundanna lill-intimati jħallsuh u li tiffissa d-danni dovuti lir-rikorrenti bħala rimedju għall-ksur tad-drittijiet fundamentali u tikkundanna lill-intimati li jħallsuh dawk id-danni;

L-intimati esponew illi (a) azzjoni ċivili ordinarja kienet biżżejjed biex tilħaq l-iskopijiet prefissi fir-rikors; (b) li d-dewmien lamentat ikkontribwixxa għalih ir-rikorrent billi ma tagħhomx l-informazzjoni kollha li talbuh rigward it-titolu tiegħu rigward l-art esproprjata; (ċ) li seta' kien ir-rikorrent li ttrasferixxa xi drittijiet fuq l-art, lil terzi u (d) li r-rikorrent, eventwalment, se jitħallas il-kumpens lilu legalment dovut;

L-imsemmija Qorti fis-16 ta' Lulju, 1992, iddeċidiet illi:

"... l-intimati m'humiex ħatja kontra r-rikorrent ta' vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali sanċiti bl-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u bl-artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem u konsegwentement tastjeni milli tipprovdi dwar id-domandi l-oħra mressqa mir-rikorrent";

Dan id-dispositiv, però, ġie ppreċedut mis-segwenti:

"Illi l-ewwel eċċezzjoni jew risposta ssollevata mill-intimati hija li: "in-natura ta' l-allegazzjonijiet tar-rikorrent tistieden azzjoni ċivili ordinarja u ma hemmx għalfejn tiġi adita dina l-Onorabbli Qorti f'Sede Kostituzzjonali";

Illi dan il-punt jirreferi għall-*proviso* ta' l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta li jagħti lil dina l-Qorti l-fakoltà li: "tirrifjuta li tażerċita s-setgħat tagħha skond dan is-subartikolu f'kull każ meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skond xi liġi oħra";

Illi biex tikkunsidra dan il-punt il-Qorti ser teżamina l-artikoli 9 u 12 ta' l-imsemmi Kapitolu 88; meta jittratta d-Dikjarazzjoni Presidenzjali l-artikolu 9 jistipula li wara r-relattiva pubblikazzjoni, *"the competent authority shall also file a copy of the declaration and of the particulars in the registry of the Board, and shall cause a copy thereof to be served..."*; il-kliem tal-liġi jidhru li jimponu fuq l-awtorità kompetenti l-obbligu li jinnotifika lill-proprjetarju bħar-rikorrent;

Illi oltre din in-notifikazzjoni tad-Dikjarazzjoni, l-artikolu 12 imbagħad jobbliga wkoll lill-istess awtorità li: *"with the declaration served under subsection (2) of section 9 or as soon thereafter as may be practicable..."* jibgħat lill-istess persuni kkonċernati n-*"notice to treat"* permezz ta' att ġudizzjarju;

Illi anke fil-każ tan-*"notice to treat"*, il-liġi timponi fuq l-awtorità kompetenti li tagħmel in-notifika lill-proprjetarju; f'dan il-każ però l-liġi ma riditx tkun tant iebsa ma' l-imsemmija awtorità; ma imponietx fuqha l-istess rigur bħal fil-każ tad-Dikjarazzjoni; fid-Dikjarazzjoni ma ħallitlux spazju – għandu jinnotifika hekk kif jagħmel il-pubblikazzjoni relattiva fil-gazzetti hemm imsemmija; għall-kuntrarju fil-każ tan-"notice to treat", huwa għandu jew jagħmel in-notifika mill-ewwel, jew aktar tard, però "mill-aktar fis li jkun jista' "; naturalment il-leġislatur kien qed jikkontempla xi diffikultà li jista' jiltaqa' magħha; dan

x'aktarx ikkontemplah peress li n-*"notice to treat"* irid ikun fiha wkoll il-valur tal-kumpens li jkun offert;

Illi għalhekk dawn l-artikoli ma jħallux il-materja għad-diskrezzjoni ta' l-awtorità kompetenti; ċertament in kwantu jirrigwardaw in-notifikazzjoni tad-Dikjarazzjoni, il-liġi timponi li din għandha ssir ma' l-imsemmija pubblikazzjoni; dwar in-*"notice to treat"* din għandha ssir jew kontemporanjament jew; "warajha, mill-aktar fis li jista' jkun";

Illi waqt it-trattazzjoni eżawrjenti tad-difensuri, saret riferenza għar-restrizzjonijiet imposti fuq il-Qrati bl-emendi introdotti fl-1981 għall-artikolu 745 tal-Kodiċi ta' l-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili; l-iskop ta' din l-emenda kien li jwaqqaf lill-Qorti milli tindaħal f'każi fejn il-Gvern ikollu diskrezzjoni dwar dak li jagħmel; din il-Qorti m'hix ser tittratta n-natura jew l-estensjoni tad-disposizzjonijiet relattivi introdotti b'din l-emenda; jidher però li s-subartikolu 3 ta' l-imsemmi artikolu jimponi tali limitazzjoni fuq il-Qrati: *"when the doing of any such act or thing is within their power to do or to refrain from doing"*; fl-artikoli msemmija 9 u 12 tal-Kapitolu 88, l-awtorità Governattiva ma għandhiex *"within its power"* id-diskrezzjoni *"to do or to refrain from doing"* peress li l-obbligu ta' l-awtorità li tottempora ruħha mad-disposizzjonijiet tagħhom huwa impost fuqha b'mod ċar u inekwivoku; din il-Qorti għalhekk ma taqbilx ma' l-abbli difensur tar-rikorrent li hija xi prerogattiva tal-Gvern meta joħroġ in-*"notice to treat"*;

Illi fil-fehma tal-Qorti r-rikorrent kellu għalhekk rimedju legali u dan ir-rimedju kien reali u aċċessibbli; huwa seta' permezz ta' proċedura ordinarja quddiem dina l-Qorti fil-kompetenza tagħha ordinarja talab l-awtorità kompetenti

tottempora ruħha ma' l-imsemmija disposizzjonijiet tal-Kap. 88; huwa veru li jidher li hemm bosta każi oħra simili fejn il-Gvern qabad u esproprja art u għamel użu minnha kif dehrlu hu, u dan mingħajr anqas ma kellu l-kortesija li jinforma lill-proprjetarji b'dak li kien qed jagħmel; imma dan x'aktarx ġara għaliex kif onestament stqarr l-istess rikorrent: "nispjega li meta rajt illi l-art ħaduha u fil-fatt bnew fuqha ħassejt li mal-Gvern ma stajt nagħmel xejn u allura ma ħadt ebda passi"; dan l-atteġġjament sfortunat imma forsi realistiku, wassal lir-rikorrent (u x'aktarx ħafna oħra bħalu) illi jissokkombu aktar min-neċessarju għall-poter esaġerat ta' l-awtorità – poter esaġerat li jidher f'diversi liġijiet u ċertament jidher b'mod l-aktar ċar fl-att dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi;

Illi dan però ma jfissirx li r-rikorrent kien ġustifikat fl-atteġġjament negattiv tiegħu fil-konfronti tal-Qrati u tal-Liġi; iċ-ċittadin għandu d-dover li jiġġieled għad-drittijiet tiegħu bil-mezzi kollha li ttih il-liġi, ħaġa li sfortunatament ir-rikorrent ma għamilx, peress li kien jifhem li: "mal-Gvern ma stajt nagħmel xejn";

Illi ġiet esebita kopja ta' nota ta' l-eċċezzjonijiet ta' l-intimat Kummissarju ta' l-Art a fol. 51 *et seq* tal-proċess f'kawża li tittratta domanda simili li wkoll tispjega għaliex ir-rikorrent żviluppa atteġġament tant negattiv; l-imsemmi intimat Kummissarju ta' l-Art f'kawża kważi identika li ġiet intavolata quddiem il-Prim'Awla, eċċepixxa: "illi l-artikoli 9(2) u 12 tal-Kapitolu 88 tal-Liġijiet ta' Malta ma jistabilixxu ebda limitazzjoni ta' żmien fuq l-esponent biex jinnotifika lil kull min għandu interess fl-art esproprjata bid-Dikjarazzjoni Presidenzjali relattiva";

Illi fl-istess nota ta' l-eċċezzjonijiet l-istess intimat odjern kompla jissottometti li: "il-leġislatur ma riedx ixekkel il-libertà ta' l-awtorità kompetenti fl-eżerċizzju tad-drittijiet lilha kkonferiti mil-liġi, u għalhekk mhux konċepibbli kif il-privat jista' jindaħalx biex jillimita dan l-eżerċizzju"; dikjarazzjonijiet simili magħmula quddiem il-Qorti juru kważi arroganza ta' l-Istat fil-konfronti taċ-ċittadin privat li donna anqas għandu jażżarda jindaħal biex jittanta jillimita d-drittijiet ikkonferiti lill-Istat mil-liġi;

Waqt it-trattazzjoni l-Qorti ġiet infurmata li f'dik il-kawża l-imsemmi Kummissarju ta' l-Art, in segwitu rtira din l-eċċezzjoni u ammetta d-domanda attriċi; għalhekk jidher li s-sitwazzjoni ġiet issa kjarita għal kull parti interessata;

Illi fid-dawl ta' dak fuq espost u anke peress li fil-mori tal-proċeduri odjerni, ir-rikorrent ġie debitament notifikat kemm bid-Dikjarazzjoni Presidenzjali kif ukoll bin-"*notice to treat*", il-Qorti tifhem li għandha tirrifjutha li teżerċita s-setgħat tagħha skond l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni peress li hija sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat huma u kienu disponibbli favur ir-rikorrent skond il-Kapitolu 88 tal-Liġijiet ta' Malta u li huwa naqas li jaġixxi fuqhom";

Ir-rikorrent appella. Fost l-aggravji li avvanza hemm dik tan-nullità tas-sentenza u dan għal żewġ raġunijiet:

(a) Is-sentenza, fil-motivazzjonijiet li jippreċedu d-dispositiv, qalet illi r-rikors kien intempestiv għaliex ir-rikorrent ma kienx eżawrixxa r-rimedji ordinarji, u konsegwentement ma kellhiex tgħaddi biex tiġġudika l-mertu tar-rikors imma kellha biss tillibera l-intimat mill-osservanza tal-ġudizzju; u

(b) Il-kawża kienet kontra żewġ intimat mentri s-sentenza ġiet ipproferita kontra wieħed biss minnhom;

Il-Qorti ser teżamina t-tieni aggravju ta' nullità paragarfu 7(b) *supra;*

(a) Ir-rikors promotorju kien indirizzat kontra:

"Onor. Segretarju Parlamentari għall-Ambjent u d-Direttur ta' l-Artijiet" dan kien fit-12 ta' Novembru, 1991, u f'dik id-data kien jeżisti Segretarju Parlamentari ta' l-Ambjent. Wara l-Elezzjoni Ġenerali ta' Frar, 1992, ġie nnominat Ministru ta' l-Ambjent, però xejn ma tbiddel fl-atti tal-kawża. Direttur ta' l-Artijiet kienet nomenklaltura li ma kienet tiddekora ebda persuna, la meta sar ir-rikors u lanqas illum, fid-data ta' din is-sentenza;

(b) Is-sentenza appellata ġiet ipproferita kontra:

"Onor. Segretarju Parlamentari għall-Ambjent u d-Direttur ta' l-Artijiet" preċiżament, kif jidher fir-rikors promotorju;

(ċ) Ir-rikors li bih appella r-rikorrent kien jindika:

"Onor. Segretarju Parlamentari ta' l-Ambjent u d-Direttur ta' l-Artijiet"

u l-kelma "d-direttur" ġiet ikkanċellata u sostitwita bil-kelma "Kummissarju". Meta dan sar ma jirriżultax però x'aktarx li l-korrezzjoni saret dik in-nhar li l-att ġie ppreżentat fir-Reġistru ta' din il-Qorti, fl-24 ta' Lulju, 1992;

(d) L-"intimati" ma ġewx innotifikati b'dan ir-rikors ta' appell u raw l-aggravju ta' nullità, ippreżentaw rikors quddiem l-ewwel Qorti, u fih iddeskrivew ruħhom bħala:

"Onor. Segretarju għall-Ambjent u Kummissarju ta' l-Artijiet" fost ħwejjeġ oħra qalu:

"Illi fis-sentenza tas-16 ta' Lulju, 1992, f'din il-kawża, fil-parti dispositiva ta' l-istess sentenza din l-Onorabbli Qorti ddikjarat li l-esponenti ma kinux ħatja kontra r-rikorrent ta' vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali, peress li l-azzjoni kienet intempestiva, iżda din l-istess Onorabbli Qorti erronjament naqset milli tillibera lill-esponenti mill-osservanza tal-ġudizzju bħala konsegwenza loġika u legali ta' dik id-dikjarazzjoni;

Illi bi żvista wkoll, din l-Onorabbli Qorti naqset milli tinkludi wkoll fl-okkju ta' l-imsemmija sentenza lill-esponent intimat Kummissarju ta' l-Artijiet;

Għaldaqstant, l-esponenti jitolbu bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tagħmel il-korrezzjonijiet relattivi kif fuq premessi *ai termini* ta' l-artikolu 825(2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12)";

Il-Qorti ċaħdet it-talba:

"Peress illi t-talba tar-rikorrent, oriġinali ġiet respinta u l-Kummissarju ta' l-Artijiet mhux indikat fl-atti tal-kawża";

(e) Ir-risposta ta' l-"intimati" għar-rikors ta' l-appell saret f'isem:

"Onor. Segretarju Parlamentari għall-Ambjent u Kummissarju ta' l-Artijiet";

Ir-rikorrenti min-naħa tiegħu, fir-risposta tiegħu għar-rikors li fih intalbu l-korrezzjonijiet, illimita ruħu biex jirrispondi lil:

"Onor. Segretarju għall-Ambjent" biss;

(f) Finalment fl-14 ta' Ottubru, 1992, ir-rikorrent, in sostenn ta' l-aggravju rigward din ir-raġuni għan-nullità, esebixxa kopja tas-sentenza ta' l-Ewwel Qorti li fiha l-"okkju" jidher indikat bħala:

"Perit Joseph Mallia *vs* Onor. Seg. Parl. Ambjent";

9(a) L-ewwel osservazzjoni li għandha ssir tirrigwarda dan l-aħħar att tar-rikorrent – para. 8(f);

Huwa lampanti li l-kopja tas-sentenza "fornita" minn xi ħadd fir-Reġistru, hija kopja "informi" b' "okkju" li fih l-abbrevjazzjonijiet "Seg." u "Parl." li jintużaw għall-konvenjenza tal-mument u ma jirriflettux preċiż dak li jkun se jidher fis-sentenza debitament kollazzjonata. Dan huwa magħruf minn kull min huwa prattiku ta' l-użanzi ta' dawn il-Qrati u għalhekk mhix assolutament ħaġa sewwa li jipprova jittieħed vantaġġ ta' portata serja u ġuridika, minn ħaġa bħal din, kif qed jipprova jgħamel ir-rikorrent f'dan l-appell. Il-Qorti tħoss li ma tistax ma tagħmilx din iċ-ċensura għaliex altrimenti s-sanzjoni li s-sitwazzjoni timmerita hija ordni tassattiva lir-Reġistratur ta' dawn il-Qrati biex jassikura li ebda impjegat tar-Reġistru m'għandu jirrilaxxja lill-partijiet jew lill-avukati kopja "informi" tas-sentenzi ta' dawn il-Qrati, imma biss kopji ta'

sentenzi debitament kollazzjonati. Ordni din li toħloq inkonvenjenzi serji speċjalment għax-xogħol ta' l-avukati. Għalliema raġuni għalissa, din l-Ordni mhix se tingħata;

(b) Tirriżulta posizzjoni tassew singolari. Il-proċess kollu fl-ewwel grad sar fil-konfront tas-Segretarju Parlamentari ta' l-Ambjent u tad-Direttur ta' l-Artijiet. Dan ta' l-aħħar jirriżulta li huwa deskrizzjoni ta' kariga ineżistenti, u allura fil-kawża ma kienx hemm u m'hemmx **intimati** imma **intimat.** Il-Qorti m'għandhiex spjegazzjoni għall-fatt illi matul il-proċess kollu la l-partijiet u lanqas il-Qorti ma ndunaw bl-iżball. Meta r-rikorrent induna – dan kien **wara** s-sentenza. Però l-aggravju tiegħu jirriżulta infondat għaliex proprju l-iżball inizjali tiegħu, inċidentalment, jivvanifika l-lament li s-sentenza ngħatat fil-konfront biss ta' intimat wieħed inkwantu fir-realtà, fil-kawża intimat wieħed hemm u l-kliem "id-Direttur ta' l-Artijiet" ma jindikawx persuna – parti in kawża – imma huma biss ġabra ta' kliem;

Dan l-aggravju huwa fondat. Huwa minnu li s-sentenza appellata turi li l-Ewwel Qorti ma kinitx sodisfatta li r-rikorrent kien eżawrixxa l-mezzi ordinarji biex jittanta r-rimedju għal dak li kien qed jillamenta minnu. Però l-fatt li l-Qorti ċaħdet ir-rikors għaliex l-intimat Segretarju Parlamentari ma vvjolax id-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti flok ma lliberat lill-intimat mill-osservanza tal-ġudizzju billi l-istess intimat m'għandux jirrispondi għal allegat **qabel** ma jkun hemm l-eskussjoni sħiħa permezz ta' l-azzjonijiet ordinarji skond il-liġijiet komuni u mhux l-azzjoni kostituzzjonali; – dan in-nuqqas ma jimpurtax nullità iżda sempliċi riforma jew revoka tas-sentenza;

Din il-Qorti difatti taqbel ma' dak li hemm fis-sentenza

appellata li r-rikorrenti kellu, qabel kollox, għal-lamenti tiegħu jittanta l-azzjonijiet li jissuġġerixxu l-artikoli rilevanti fil-Kap. 88 tal-Liġijiet;

Ir-rikorrenti ma jistax jippretendi li huwa ma ttentax dawk ir-rimedji għaliex jaf **li dawk se jfallu żgur**, kif jesponi fit-tul fir-rikors ta' appell;

Il-Qorti jidhrilha illi l-każ ikkwotat mir-rikorrenti ta' Baldacchino *vs* Kummissarju ta' l-Art, jindika li dik l-azzjoni ordinarja kienet difatti tant effettiva, li ntlaħaq ftehim bejn il-partijiet, liema ftehim għandu jiġi raġonevolment preżunt kien, almenu in parti, issodisfa lil Baldacchino;

Din l-azzjoni stess tar-rikorrent, **għalkemm improprja,** xorta ipprovokat reazzjoni favorevoli għar-rikorrent għaliex ġie nnotifikat bid-Dikjarazzjoni u rċieva "*Notice to treat*" fil-mori tal-kawża;

Jibqa' biss is-sentenza tas-27 ta' Ġunju, 1953, tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet Attard Montalto *vs* Cuschieri *ne.* (Vol. XXXVII.II.749). Fuq din, apparti konsiderazzjonijiet aktar approfonditi li jistgħu jsiru speċjalment rigward il-filosofija legali li kienet għadha imperanti f'dak iż-żmien, ibbażata essenzjalment fuq l-ideat kostituzzjonal-liberali rigward l-Istat (b'ittri majjuskoli) u ċ-ċittadin (b'ittri minuskoli jew alternattivament is-suġġett) xorta waħda, anki f'dak iż-żmien l-azzjoni ta' l-attur kienet sa ċertu punt, **effettiva.** Insibu infatti fis-sentenza:

"Illi, qabel xejn, ta' min jirrileva li prattikament, il-mertu tal-kawża jinsab eżawrit, billi, skond ma ddikjaraw l-atturi fil-

verbal fol. 16, fid-29 ta' Mejju, 1953, huma ġew innotifikati bid-dikjarazzjoni mill-Eċċellenza Tiegħu l-Gvernatur, rikjesta mil-liġi għall-finijiet ta' l-esproprjazzjoni ta' l-art in kwistjoni, u b'hekk jidher li l-**proċeduri meħtieġa sejrin jitkomplew**";

Għalhekk dan il-każ jirriżulta mhux biss verament simili għall-preżenti, imma huwa **indikazzjoni kuntrarja** għal dik li ppretenda li jillustra r-rikorrent;

B'hekk ma hemm assolutament xejn biex jiġġustifika l-assunzjoni tar-rikorrenti li huwa eżentat milli jittanta l-azzjonijiet ordinarji pprovduti mil-liġijiet;

Għal dawn ir-raġunijiet din il-Qorti qed tiddisponi mill-appell billi filwaqt li tikkonferma dak li rriteniet is-sentenza appellata li għażlet li huwa desiderabbli li tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha billi hija sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat huma disponibbli favur ir-rikorrent skond il-liġi – barra mil-liġi Kostituzzjonali – tirriforma l-istess sentenza billi flok ma tiċħad it-talbiet tar-rikorrent għaliex ma kienx hemm il-vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali allegati, tillibera lill-intimat mill-osservanza tal-ġudizzju. B'intimat il-Qorti tifhem is-Segretarju Parlamentari ta' l-Ambjent – jekk dan **illum** attwalment jeżisti fin-nomenklatura korrenti *stante* li skond il-Gazzetta tal-Gvern illu jeżisti Ministru ta' l-Ambjent. Id-"Direttur ta' l-Artijiet" m'huwiex parti in kawża u l-"Kummissarju ta' l-Artijiet" lanqas ma jista' jidħol bħala parti fil-kawża billi r-rikorrent sempliċement inkludieh "b'korrezzjoni" mhux awtorizzata mill-Qorti, fir-rikors ta' appell;

L-ispejjeż kollha jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet għaliex l-intimat ma kkontribwixxa xejn biex ma jħallix id-diversi żbalji li jippersistu sa l-aħħar.